## 18 ta' Marzu, 1963

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Alfred Miggiani,

*versus*

Carmelo Cutajar et.

**Danni — Responsabiltà — Perit — Kwantum ta'**

*Perit mhux responsabbli għall-ħsara li tiġri minħabba xogħol esegwit ħażin meta dak ix-xogħol li suppost sar taħt id-direzzjoni tiegħu kien imbeda mingħajr ma hu ma jiġi avżat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-bennej Grazio Buhagiar biex qiegħed jagħmel xogħol ta' riparazzjoni fil-fond numru 40, Triq Blackley tal-Pietà, b'inkariku tal-kuntrattur Carmelo Cutajar, il-konvenut l-ieħor, u li minħabba ħtija tal-konvenut Buhagiar fl-esekuzzjoni tax-xogħol waqgħu diversi xorok fuq il-paviment li jifforma is-saqaf tal-ħanut numru 42, Triq Blackley, Pietà, li fih

kien hemm mart l-attur qiegħda tixtri oġġetti tal-ikel, u li dan is-saqaf sfronda b'mod li xorok u materjal ieħor minnu waqa' fil-ħanut u bih ġiet feruta mart l-attur u minħabba dan l-attur sofra danni kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, li tagħhom huwa responsabbli Buhagiar bħala bennej u Cutajar bħala kuntrattur, salv dak li jista' jirriżulta matul il-kawża a kariku tal-konvenut perit Muscat, talab li wara li jingħataw il-provvedimenti li jmissu u jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa — il-konvenuti jew minn minnhom (i) jiġi minn din il-Qorti dikjarati responsabbli tad-danni li sofra l-attur għar-raġunijiet premessi; (2) jiġu kundannati jħallsu lill-attur in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-istess Qorti, jekk hemm bżonn anke permezz ta' periti nominandi, bl-interessi minn notifika tal-ittra uffiċjali tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, 1957. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda preżentati mill-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li bihom il-konvenut Buhagiar irrimetta ruħu għall-provi rigward id-danni effettivament kaġonati u ammetta r-responsabilità tiegħu għall-istess danni, u l-konvenuti Cutajar u Perit Muscat qalu li ma humiex responsabbli ta' dak li ġara;

OMISSIS...

Semgħet lid-difensuri;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess kollu;

Ikkunsidrat:—

Illi d-domanda attriċi tirrikjedi indaġini dupliċi, u ċioè

dik rigwardanti r-responsabilità ta' l-inċident u l-oħra rigwardanti l-likwidazzjoni tad-danni bħala konsegwenza ta' l-istess inċident; hu xieraq li l-istess indaġiniet isiru separatament;

Ikkunsidrat fuq il-kwistjoni tar-responsabilità;

Illi fiċ-ċitazzjoni l-attur ħarrek lil Perit Muscat "okkorrendo" u "salv dak li jista' jirriżulta matul il-kawża a kariku tiegħu; fin-nota ta' l-osservazzjonijiet imbagħad hu semma li rriżultaw fatti li jirrenduh responsabbli tad-danni; għalhekk l-attur qiegħed jixħet ukoll dina r-responsabilità fuq il-konvenut Perit Muscat, kif ukoll fuq il-konvenuti l-oħrajn Buhagiar (il-bennej) u Cutajar (il-kuntrattur). It-tliet konvenuti nkarikaw l-istess difensur; il-konvenut Buhagiar biss ma qajjem ebda eċċezzjoni fir-rigward mentri li l-konvenuti l-oħrajn Perit Muscat u Cutajar ċaħdu dina r-risponsabilità;

Illi l-Perit Ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni li l-konvenut Perit Muscat biss mhux responsabbli għad-danni li saru u dana għar-raġuni li ma kienx laħaq assuma d-direzzjoni u kwindi r-responsabilità tax-xogħol għaliex għad ma kienx għamel l-applikazzjoni u ottiena permess tas-Sanità u f'kull każ, si trattava ta' ħaġa li ma tinvolvix kalkoli u teknika elevata iżda sempliċi prekawżjonijiet ta' prudenza li jmissu jaf kull min jaħdem xogħol tal-ġebel u kwindi ta' ħaġa li materjalment kienet tinkombi lill-kuntrattur u lill-bennej biss. Il-Qorti taqbel ta' l-ewwel raġuni li ta l-Perit Ġudizzjarju billi rriżulta lil Perit Muscat ma kienx jaf, u ma kellux raġun jaħseb, li x-xogħol sejjer jinbeda u kwindi għad ma kienx fi grad jagħti ebda istruzzjonijiet fir-rigward kif isir ix-xogħol u jaċċerta ruħu li dawn kienu qegħdin jiġu fil-fatt esegwita kif tenut jagħmel in vista tar-responsabilità tiegħu ta' direzzjoni tax-xogħol, għalkemm mhux mistenni li jkun il-ħin kollu waqt l-esekuzzjoni tax-xogħol; il-Qorti però ma tarax li l-istess konvenut kien tenut, kif jissottometti l-attur, li javża biex ma

jinbedix xogħol qabel ma jgħid hu stess billi hu intwitiv li x-xogħol m'għandux jinbeda qabel ma jgħid il-Perit u ma jirriżultax li hu qatt qal li seta' jinbeda; li għandu jkun hekk hu spjegabbli in vista tar-responsabilità tiegħu riferita li jara li kollox ikun sew qabel ma jinbeda x-xogħol, billi hu biss b'dan il-mod li tiġi radikata r-responsabilità tiegħu; fil-kawża preżenti ma jistax ikollu mportanza l-ftehim bejn il-Perit u sid il-post fejn sar ix-xogħol;

Illi kwantu għall-konvenuti l-oħrajn il Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Ġudizzjarju, għar-raġunijiet minnu sottomessi li verament dan jista' japplika biss għall-konvenut Cutajar billi l-konvenut Buhagiar aċċetta mill-ewwel ir-responsabilità tiegħu. Ir-responsabilità tal-konvenut Cutajar hija iżjed spikkata fil-każ preżenti mħabba li x-xogħol inbeda qabel ma semma l-Perit inkarikat li jista' jinbeda u hekk hu stess ġa ħa d-direzzjoni f'idejh u ma għamilx dak li kien rikjest normalment minnu biex jiġi evitat dak li ġara; telaq ukoll qabel ma ra kif ser isir ix-xogħol;

Ikkunsidrat fuq il-kwistjoni tad-danni:

Illi l-Perit Ġudizzjarju llikwida dawna d-danni fis-somma ta' dsatax-il lira u nofs (£19.10.0) li minnhom ħames lira (£5) għall-tonics u simili u tnax-il lira (£12) għat-telf ta' xogħol tal-ħjata; dwar dawn l-aħħar żewġ ammonti l-attur isostni li għandhom jitqiesu għat-tonics eċċ., il-flus li kellha mfaddla martu u nefqithom fil-fatt għal dana l-oġġetti (bejn £12 u £15), u dwar telf ta' qliegħ mill-ħjata jsemmi erbgħa u sebgħin lira u ħames xelini (£74.5s.0d) u ammont ieħor bażat fuq tmintax-il xelin u sitt soldi (18s.6d) fil-ġimgħa għall-perjodu li ma jispeċifikax;

Illi l-Qorti ħasset l-opportunità li wara l-perizja tisma bħala xhud lit-Tabib li kien ikkura lil mart l-attur preċiż wara

l-inċident biex jingħabru possibilment dettalji aktar dwar il-kondizzjoni tagħha u kuri li seta' kellha bżonn. Minn eżami ta' dina x-xhieda jidher li fil-fatt il-lesjonijiet riportanti ma kienux jirrikjedu xi sostanzi speċjali, u anzi li jekk wieħed jieħu dak li jidhirlu hu, bla preskrizzjoni medika, seta' kien ta' deni flok ta' ġid għall-pazjenta; oltre dan, assistenza medika setgħet ukoll isservi biex dina l-pazjenta tirriprendi iżjed malajr il-ħajja tagħha normali, f'kull każ, għalkemm l-attur assumi li martu bdiet taħdem meta setgħet, kien il-każ u anzi, kif qal il-Perit, meta klienta nsistiet ma' mart l-attur biex taħdmilha hija ħadmet u dana jikkonferma l-opinjoni medika fuq espressa fis-sens li d-danni realment sofferti setgħu jkun anqas kieku l-attur u martu ħasbu li jaraw tabib. Huma kienu fid-dover li jagħmel dan billi minn isofri danni u jista' jirreklamahom ħaddieħor għandu jara li dawn jinżammu fil-limiti ġusti, għal hekk huma naqsu billi mxew kif deherilhom huma stess bla ebda parir ta' tabib u dana n-nuqqas jikkostitwixxi nuqqas ta' prova ċerta da parti tagħhom, kif hu mistenni minnhom, li d-danni kollha minnhom reklamati huma veramente dovuti għall-kawża minnhom imsemmija u li ma setgħux jiġu evitati, b'diliġenza ordinarja da parti tagħhom.

Illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi wieħed ikollu bil-fors jirrikorri għall-arbitriu prudenzjali biex jillikwida d-danni risarċibbli mill-konvenuti. jew min minnhom, il-perjodu ta' tnax il-ġimgħa likwidat mill-Perit jidher ġustifikat taħt iċ-ċirkostanzi riżultati, partikolarment in vista tax-xhieda ta' Dottor Laferla u billi dejjem kienet tintilef qiesu ġimgħa biex l-attur u martu jsiefru għall-professjoni ta' binhom, jista' però jkun hemm awment fir-rata użata mill-Perit, u ċioè minn lira (£1) għal lira u ħmistax il-xelin (£1.15s.) fil-ġimgħa, in vista tax-xhieda ta' mart l-attur li ssemmi qliegħ ta' bejn żewġ liri (£2) u żewġ liri u għaxar xelini (£2.10s.0d) (fol. 70) u dik ta' l-attur li jsemmi qliegħ ta' bejn lira u għaxar xelini (£1.10s) u żewġ liri (£2) fil-ġimgħa (fol. 69), u hekk id-danni għat-telf

ta' qliegħ mill-ħjata jsir wieħed u għoxrin lira (£21) flok tnax il-lira (£12). Il-Qorti però ma tarax raġuni li għandhom jiġu nklużi l-mediċi kollha li l-attur jew martu xtraw u lanqas fil-miżura suġġerita, b'riservi, mill-Perit għalkemm ikun ġust, li wieħed jilħaq jixtri xi ħaġa sakemm ikun ħass li jixtri xi ħaġa biex iserraħ moħħu, kollox kompriż id-danni kollha, fil-fehma tal-Qorti m'għandhomx jeċċedu sitta u għoxrin lira (£26).

Għal dawna l-motivi, u dawka tal-Perit, sa fejn kompatibbli:

Il-Qorti taqta l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi kontra l-konvenuti Cutajar u Buhagiar flimkien, għall-ammont li qed jiġi likwidat fis-somma ta' sitta u għoxrin lira (£26) bl-imgħax millum, u tiċħad l-istess talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Perit Muscat. L-ispejjeż jitħallsu tliet kwarti (¾) mill-konvenuti Cutajar u Buhagiar, flimkien ma' kwart (¼) mill-attur.